B'digriet tal-04 ta' Settembru, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

By a decree of the 4th September, 2024, given by the Courts of Magistrates (Malta), ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Vodafone Malta Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C10865 fil-11 ta' Awwissu, 2023, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' elf u tliet mija u tlieta u sebgħin ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,373.44) depożitati b'ċedola ta' depożitu numru 1693/2023 fl-ismijiet:

Vodafone Malta Limited (C10865) vs Joseph Mary Zahra (KI 314650M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimat li għandu sebat (7) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum it-Tlieta, 25 ta' Marzu, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That by the application filed by Vodafone Malta Limited with the registration number C10865 on the 11th August, 2023, is asking for the withdrawal of the amount of one thousand three hundred seventy-three euro and forty-four cents (€1,373.44) deposited by the Schedule of Deposit number 1693/2023 in the names of:

Vodafone Malta Limited (C10865) vs Joseph Mary Zahra (ID 314650M)

The Court ordered the notification to the respondent with seven (7) days to reply.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today Tuesday, 25th March, 2025

MARVIC FARRUGIA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

853

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Francis Borg et noe vs Mary Lourdes Fava, Rikors numru 457/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Mary Lourdes Fava a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Francis Borg (KI 474146M) f'ismu u f'isem in-neputija tiegħu assenti Joanne Vendra Borg, Meleney Gauci (KI 93190M), Joyce Fyfe (KI 608547M), Helen Sant (KI 649550M), Twannie Azzopardi (KI 303852M), Esther Abela (KI 871254M), Iris Ebejer (KI 1658M), Jeffrey E. Azzopardi (KI 177598M), Steven J. Azzoprdi (KI 177498M), Anthony Borg (KI 474246M), Salvina Camilleri (KI 101036M), Josanne Tabone Adami (KI 0097671M), Mariella Camilleri (KI 0200975M), Helen Chircop (KI 885039M), Virginia Grech, (KI 837049M), Carmelo Huber (KI 1023246M) u Helen sive Eileen Grech (KI 851850M) vs Mary Lourdes Fava (KI 430358M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-7 ta' Novembru, 2024, ir-rikorrenti Francis Borg et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jordna li jsir it-test tal-mezzi tal-intimat u skont ir-riżultanzi tal-istess tagħti kull provvediment xieraq u opportun kompriża jekk ikun il-każ jew l-iżgumbrament tal-intimata jew l-awment tal-kera tal-fond 431, Triq il-Kbira, San Ġużepp, Santa Venera, b'effett mill-iskadenza li jmiss.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rikorrenti: Francis Borg, 56, Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara

By means of a decree of the 21st February, 2025, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Francis Borg et noe vs Mary Lourdes Fava, Application number 457/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mary Lourdes Fava in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Francis Borg (ID 474146M) in his own name and for and on behalf of his absent niece Joanne Vendra Borg, Meleney Gauci (ID 93190M), Joyce Fyfe (ID 608547M), Helen Sant (ID 649550M), Twannie Azzopardi (ID 303852M), Esther Abela (ID 871254M), Iris Ebejer (ID 1658M), Jeffrey E. Azzopardi (ID 177598M), Steven J. Azzoprdi (ID 177498M), Anthony Borg (ID 474246M), Salvina Camilleri (ID 101036M), Josanne Tabone Adami (ID 0097671M), Mariella Camilleri (ID 0200975M), Helen Chircop (ID 885039M), Virginia Grech, (ID 837049M), Carmelo Huber (ID 1023246M) and Helen sive Eileen Grech (ID 851850M) vs Mary Lourdes Fava (ID 430358M) filed before the Rent Regulation Board, on the 7th November, 2024, the applicants Francis Borg et noe requested this Honourable Board to order that the means test of the respondent be carried out and according to the findings of the same give every appropriate and opportune provision if it be the case or the eviction of the respondent or the increase of the rent of the premises 431, Triq il-Kbira, San Guzepp, Santa Venera, with effect from the next installment.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicants: Francis Borg, 56, Triq il-Knisja l-Qadima, Birkirkara

Intimata: Mary Lourdes Fava, 431, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Francis Borg et noe vs Mary Lourdes Fava, Rikors numru 457/2024JG, jinsab differit għat-8 ta' April, 2025, fil-11.20 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-1 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: Mary Lourdes Fava, 431, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

Housing Authority

The application in the names Francis Borg et noe vs Mary Lourdes Fava, Application number 457/2024JG, has been postponed for hearing to the 8th April, 2025, at 11.20 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

854

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-26 ta' Marzu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 325/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li meta jiġi biex ikun reġistrat l-Att tat-Twelid esteru ta' Nenia Rizo Borg f'Malta, jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja f'dak l-Att tat-Twelid, kif ukoll fl-Att taż-Żwieġ numru 1593/2018, biex it-tieni isem tar-rikorrenti jiġi mibdul minn 'Villanueva' għal 'Rizo'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th March, 2025, and upon an application numbered 325/2025, ordered:

To the Director of the Public Register, when the foreign Act of Birth of Nenia Rizo Borg is to be registered in Malta, he should make the necessary annotation or correction in that Act of Birth, as well as in the Act of Marriage number 1593/2018, so that the applicant's second name is changed from 'Villanueva' to 'Rizo'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday 28th March, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

855

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' Marzu, 2025, u dan wara Rikors b'numru 308/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li meta jiġi biex ikun reġistrat l-Att tat-Twelid esteru ta' Rutuja Girish Pawar u taż-żwieġ tagħha f'Malta, jagħmel l-annotazzjoni jew korrezzjoni neċessarja f'dak l-Att tat-Twelid, kif ukoll fl-Att taż-Żwieġ, (anke jekk l-Att taż-Żwieġ diġà jidher li jindika l-isem tar-rikorrenti bħala 'Rutuja Girish'), biex l-isem tar-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn 'Rutuja Shekhar' għal 'Rutuja Girish'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th March, 2025, and upon an application numbered 308/2025, ordered:

To the Director of the Public Register, when the foreign Act of Birth of Rutuja Girish Pawar and her marriage within Malta are to be registered, he should make the necessary annotation or correction in the Act of Birth, as well as in the Act of Marriage (even if the Act of Marriage already shows the applicant's name as 'Rutuja Girish'), so that the applicant's name is changed with an annotation from 'Rutuja Shekhar' to 'Rutuja Girish'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday 28th March, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

856

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Diċembru, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Ġunju, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Maisonette fil-pjan terran u aċċessibbli minn entrata privata, bl-isem Hurghada, bin-numru sebgħa (7), fi Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, fi blokka ta' appartamenti esternament innumerata mija u ħdax (111) bl-isem Resort Flats, fi Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u jinkludi tlieta minn erbgħa (3/4) sehem indiviż minn wieħed minn tlieta (1/3) indiviż tal-entrata u tal-entratura, il-bieb prinċipali, it-taraġ u l-kaxxa tat-taraġ u l-bejt tal-imsemmija blokka u kif ukoll suġġett għal servitù passiv u attiv mill-pożizzjoni tiegħu kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Dott. Mario Rosario Bonello datat sitta ta' Settembru, elfejn u ħdax (6.9.2011). Il-blokka li minnha jagħmel parti l-fond inkwestjoni, hija konfinanti mill-Grigal mal-imsemmija Triq San Luqa u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' proprjetà ta' terzi u stmat li jiswa tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Shehata Khaled (KI 330298M) fi tliet kwarti (3/4) sehem indiviż tal-appartament, inkluż kwart (1/4) indiviż tal-komun u ċjoè tliet kwarti (3/4) ta' terz (1/3) indiviż u Shehata Anna (KI 745261M) fi kwart (1/4) sehem indiviż mill-appartament u wieħed minn tlieta (1/3) sehem indiviż minn kwart (1/4) sehem indiviż tal-komun tal-appartament

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 39/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, l-1 ta' April, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 5th December, 2024, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 3rd June, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

A ground floor level maisonette accessible by a private entrance, named Hurghada, numbered seven (7), in Triq San Luqa, St Paul's Bay, in a block of apartments externally numbered one hundred and eleven (111) named Resort Flats, in Triq San Luqa, St Paul's Bay,, with all its rights and appurtenances and including a three fourths (3/4) undivided share of one third (1/3) undivided share of the entrance, entrance hall, main door, staircase, and stairwell, and the roof of the said block, and also subject to the active and passive servitudes resulting from its position, as better described in the acts of Notary Doctor Mario Rosario Bonello dated sixth September, two thousand and eleven (6.9.2011). The said block to which maisonette form's part is bounded on the northeast by Triq San Luqa and on all other compass points by third party property and valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000).

The said tenement is the property of Shehata Khaled (ID 330298M) in three fourths (3/4) undivided share of the apartment, including one fourth (1/4) undivided share of the common area and therefore three-fourth (3/4) of one third (1/3) undivided and Shehata Anna (ID 745261M) in one fourth (1/4) undivided share of the apartment and one third (1/3) undivided share of one fourth (1/4) undivided share of the common area of the apartment.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 39/2019.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 1st April, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

857

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-19 ta' Novembru, 2024, fuq rikors ta' John Baptist Vella (KI 78633M) et ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 8 ta' April, 2025, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

L-appartament internament numerat sitta (6) sitwat fir-raba' (4) sular fuq in-naħa tal-lemin tal-blokk hekk

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 19th November, 2024, on the application of John Baptist Vella (ID 78633M) et, Tuesday, 8th April, 2025, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room number 78 nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

An apartment internally numbered six (6) situated on the fourth (4) floor on the righthand side of the block as one looks at

kif wieħed iħares lejn l-istess blokk min-naħa ta' Tower Road, formanti parti minn blokk ta' appartamenti mingħajr numru 'B' formanti parti minn żvilupp mibni fuq is-sit preċedentement okkupat mill-fondi numerati mitejn u tnejn u tletin (232) sa mitejn u ħamsa u tletin (235), it-tnejn inklużi, liema żvilupp m'għandux numru uffiċjali iżda jismu 'Belgravia Court' bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu ħieles minn kwalsijasi piżijiet, inkluża l-komproprjetà flimkien mal-appartamenti l-oħra fl-istess blokk tal-partijiet komuni tal-blokk ossija t-taraġ, it-tromba tat-taraġ, lift, lift xaft, indani, ix-xaftijiet interni, btieħi, drains u drenaġġi ma' liema l-istess appartament huwa konness, liberu u frank. L-appartament imsemmi jifforma parti mill-preċitat blokk ta' appartamenti indikat bl-ittra 'B' fl-iżvilupp Belgravia Court liema blokk huwa mibni fuq l-art preċedentement okkupata mill-fond mitejn erbgħa u tletin (234) u mitejn u ħamsa u tletin (235) fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, liema blokk ittra 'A' u Lbiċ ma' Triq Karm Galea. L-iżvilupp magħruf bħala 'Belgravia Court' jikkonfina mill-Majjistral ma' Tower Road, Lbiċ ma' Triq Karm Galea u Grigal mal-beni ta' Dott. Gauci Maistre u oħrajn, jew suċċessuri fit-titolu, bid-dritt għal tank tal-ilma tal-kapaċità ta disa' mitt litru (900L) u antenna tat-televiżjoni fuq il-bejt;

u

Żewġ garaxxijiet ossija parking spaces rispettivament numerati tliet (3) u erbgħa (4) adjaċenti għal xulxin sitwati fil-livell ta' upper basement fl-istess 'Belgravia Court', fi Triq it-Torri, Tas-Sliema, tal-kejl ta' ċirka ħdax punt disgħa metri kwadri (11.9 m.k.) kull wieħed u huma aċċessibbli kemm minn lift kif ukoll mir-ramp u konfinanti mill-konfini kollha ma' beni ta' San Salvatore Limited jew suċċessuri fit-titolu tagħha.

L-appartament u żewġ garaxxijiet stmat li jiswew disa' mija u ħamsin elf ewro (€950,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Neville Curmi (KI 443740M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 48/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the same block from Tower Road side, forming part of a block of apartments unnumbered 'B' forming part of a development built on the site previously occupied by the tenements numbered two hundred and thirty two (232) to two hundred and thirty five (235), both included which development is officially unnumbered but named 'Belgravia Court' with all its rights and appurtenances free from any burdens, including co-ownership together with the other apartments in the same block of the common parts of the block i.e. the stairs, stairwell, lift, lift shaft, hallways, internally shafts, courtyards, drains and drainage that are connected with the same apartment, free and unencumbered. The said apartment forms part from the said block of apartments indicated with the letter 'B' in the development Belgravia Court which block is built on the land previously occupied from tenement two hundred and thirty four (234) and (235) in Triq it-Torri, Tas-Sliema, which block letter 'A' and Southwest by Triq Karm Galea. The development known as 'Belgravia Court' bounded on the Northwest by Tower Road, Southwest by Triq Karm Galea and Northeast by property of Doctor Gauci Maistre and others or his successors in title, with right to install water tank of nine hundred litres capacity (900l) and television antenna on the roof.

and

Two garages i.e. parking spaces respectively numbered three (3) and four (4) situated next to each other on the upper basement level in the said 'Belgravia Court', in Triq it-Torri, Sliema measuring approximately eleven-point nine square meters (11.9 m²) each and are accessible from the lift as well from the ramp and bounded on all compass points by property of San Salvatore Limited or its successors in title.

The apartment and two garages are valued together nine hundred and fifty thousand euro (€950,000).

The said tenement is the property of Neville Curmi (ID 443740M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 48/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 18th March 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

858

ARB/C013/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ARB/C013/2025 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th March, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a

Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 980/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

NIGEL SCERRI, accountant, ta' 41 sena, iben Kurt Scerri u Angela Scerri xebba Pace O'Shea, imwieled Tal-Pietà, Malta, fl-14 ta' Lulju, 1983, u residenti fi 15, 'Stardust', Triq is-Sagħtar, Is-Swieqi, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 381083M.

MIKAELA SCERRI xebba BALDACCHINO;

ENNESSE LIMITED;

NIMIK LTD;

ACCOUNTINGWISE LTD;

DAVVERO LTD;

PAYRISE LIMITED;

NYG LTD;

SOPROLIFIC LTD,;

SIAMOFORTI LTD;

STARSEEKERS LTD;

VOLANDO LTD;

DRIVINGFORCE LIMITED;

DELVETRO LTD;

DOUBLE LEISURE LTD;

OBREGADO LTD;

PERFORMANTE LTD;

U

SEMPRENOI LTD;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat NIGEL SCERRI li jipperċepixxi l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Suġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità,

Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 980/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

NIGEL SCERRI, accountant, 41 years, son of Kurt Scerri and Angela Scerri née Pace O'Shea, born in Tal-Pietà, Malta on the 14th July, 1983, and residing at 15, 'Stardust', Triq is-Sagħtar, Swieqi and holder of Maltese identity card bearing number 381083M.

MIKAELA SCERRI née BALDACCHINO;

ENNESSE LIMITED;

NIMIK LTD;

ACCOUNTINGWISE LTD;

DAVVERO LTD;.

PAYRISE LIMITED;

NYG LTD;

SOPROLIFIC LTD;

SIAMOFORTI LTD;

STARSEEKERS LTD;

VOLANDO LTD;

DRIVINGFORCE LIMITED;

DELVETRO LTD;

DOUBLE LEISURE LTD;

OBREGADO LTD;

PERFORMANTE LTD;

AND

SEMPRENOI LTD;

The Court AUTHORISED the accused NIGEL SCERRI to perceive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-

ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena bħala l-ammont massimu, mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputat li jispiċċa -6115 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dr Rachel Montebello, LLD), fit-23 ta' Jannar, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Jannar, 2025, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' NIGEL SCERRI, Mikaela Scerri xebba Baldacchino, Ennesse Limited, Nimik Ltd, Accountingwise Ltd, Davvero Ltd, Payrise Limited, Nyg Ltd, Soprolific Ltd, Siamoforti Ltd, Starseekers Ltd, Volando Ltd, Drivingforce Limited, Delvetro Ltd, Double Leisure Ltd, Obregado Ltd, Performante Ltd, U Semprenoi Ltd.

Illum l-1 ta' April, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

one thousand, nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually as the maximum amount, from the bank account registered in the name of the accused ending in -6115 and held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 23rd January, 2025, which was published in the Government Gazette on the 31st January, 2025 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to NIGEL SCERRI, Mikaela Scerri née Baldacchino, Ennesse Limited, Nimik Ltd, Accountingwise Ltd, Davvero Ltd, Payrise Limited, Nyg Ltd, Soprolific Ltd, Siamoforti Ltd, Starseekers Ltd, Volando Ltd, Drivingforce Limited, Delvetro Ltd, Double Leisure Ltd, Obregado Ltd, Performante Ltd, And Semprenoi Ltd.

Today, 1st April, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

859

ARB/C013/2025 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD). Kumpilazzjoni Numru 980/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

NIGEL SCERRI;

MIKAELA SCERRI xebba BALDACCHINO, administrator assistant, ta' 38 sena, bint Paul Baldacchino u Simone Baldacchino xebba Castillo, imwielda Tal-Pietà, Malta fil-15 ta' Novembru, 1986, u residenti fi 15, 'Stardust', Triq is-Sagħtar, Is-Swieqi, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 520486M.

ENNESSE LIMITED;

NIMIK LTD;

ACCOUNTINGWISE LTD;

DAVVERO LTD;

ARB/C013/2025 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th March, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD). Compilation Number 980/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

NIGEL SCERRI;

MIKAELA SCERRI née BALDACCHINO, administrator assistant, 38 years, daughter of Paul Baldacchino and Simone Baldacchino née Castillo, born in Tal-Pietà, Malta on the 15th November, 1986, and residing at 15, 'Stardust', Triq is-Sagħtar, Swieqi, and holder of Maltese identity card bearing number 520486M.

ENNESSE LIMITED;

NIMIK LTD;

ACCOUNTINGWISE LTD;

DAVVERO LTD;.

PAYRISE LIMITED;

NYG LTD;

SOPROLIFIC LTD,;

SIAMOFORTI LTD;

STARSEEKERS LTD;

VOLANDO LTD;

DRIVINGFORCE LIMITED;

DELVETRO LTD;

DOUBLE LEISURE LTD;

OBREGADO LTD;

PERFORMANTE LTD;

U

SEMPRENOI LTD;

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata MIKAELA SCERRI xebba BALDACCHINO li tipperċepixxi l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Suġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena bħala l-ammont massimu, mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputata li jispiċċa -9854 u miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fit-23 ta' Jannar, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Jannar, 2025 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Nigel Scerri, MIKAELA SCERRI XEBBA BALDACCHINO, Ennesse Limited, Nimik Ltd, Accountingwise Ltd, Davvero Ltd, Payrise Limited, Nyg Ltd, Soprolific Ltd, Siamoforti Ltd, Starseekers Ltd, Volando Ltd, Drivingforce Limited, Delvetro Ltd, Double Leisure Ltd, Obregado Ltd, Performante Ltd, U Semprenoi Ltd.

PAYRISE LIMITED;

NYG LTD;

SOPROLIFIC LTD;

SIAMOFORTI LTD;

STARSEEKERS LTD;

VOLANDO LTD;

DRIVINGFORCE LIMITED;

DELVETRO LTD;

DOUBLE LEISURE LTD;

OBREGADO LTD;

PERFORMANTE LTD;

AND

SEMPRENOI LTD;

The Court AUTHORISED the accused MIKAELA SCERRI née BALDACCHINO to perceive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually as the maximum amount, from the bank account registered in the name of the accused ending in -9854 and held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 23rd January, 2025, which was published in the Government Gazette on the 31st January, 2025 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Nigel Scerri, MIKAELA SCERRI NÉE BALDACCHINO, Ennesse Limited, Nimik Ltd, Accountingwise Ltd, Davvero Ltd, Payrise Limited, Nyg Ltd, Soprolific Ltd, Siamoforti Ltd, Starseekers Ltd, Volando Ltd, Drivingforce Limited, Delvetro Ltd, Double Leisure Ltd, Obregado Ltd, Performante Ltd, And Semprenoi Ltd.

Illum l-1 ta' April, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today 1st April, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

860

ARB/C044/2025 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Marzu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD). Kumpilazzjoni Numru 273/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Clive Abela)
(l-Ispettur Gabriel Kitcher)

Kontra

MATTHEW CACHIA, restowratur, ta' 40 sena, iben il-mejjet John Cachia u Maria Assunta Cachia xebba Vassallo, imwieled Tal-Pietá fl-14 ta' Settembru, 1984 u residenti f'4, 'Almirvan', Triq Taltas, Iż-Żejtun, u/jew 39, 'Eliza Apartments', Flat 6, Triq Vajrita, Marsaskala, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 447984M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputat MATTHEW CACHIA milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu sal-limitu ta' għoxrin elf, tliet mija u sittin ewro (€20,360), u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 36 (1) u tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 5, fl-Artikolu 23A, u fl-Artikolu 36 (1) u fl-Artikolu 36 (4)(a) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum l-1 ta' April, 2025

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C044/2025 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 28th March, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Nadia H.Vella, LLD). Compilation Number 273/2025, in the case:

The Police
(Inspector Clive Abela)
(Inspector Gabriel Kitcher)

Versus

MATTHEW CACHIA, restorer, 40 years, son of the late John Cachia and Maria Assunta Cachia née Vassallo, born in Tal-Pietá, Malta on the 14th September, 1984, and residing at 4, 'Almirvan', Triq Taltas, Żejtun, and/or 39, 'Eliza Apartments', Flat 6, Triq Vajrita, Marsaskala, and holder of a Maltese identity card bearing number 447984M.

The Court ORDERED the attachment of any property in the hands of third parties for which there is reasonable cause to believe that the property is subject to confiscation, and is restraining and prohibiting the accused MATTHEW CACHIA from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by her or being in her possession up to the limit of twenty thousand, three hundred and sixty euro (€20,360) and this in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 (1) and Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 5, Article 23A, and Article 36 (1) and Article 36 (4)(a) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 1st April, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

861

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Marzu, 2025, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Christine Mifsud et vs Salter Limited, Rikors numru 12/2025JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Salter Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Christine Mifsud (KI 261184M) u Joseph Tanti (KI 491982M0 vs Salter Limited ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-17 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrenti Christine Mifsud (Ki 261184M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li din il-kawża tinstema' bil-proċeduri sommarji u dan peress li jikkonkorru l-elementi neċessarji a tenur tal-Artikolu 165A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi s-soċjetà intimata Salter Limited għandha tiġi żgumbrata mill-fond inkwistjoni u r-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond Ta' Bonavia, fi Triq Durmblat, il-Mosta, stante illi l-istess soċejtà intimata ma ħallsitx il-kera kif dovuta skont l-istess skrittura ta' lokazzjoni;

3. Jiddikjara u jiddeċiedi illi s-soċjetà intimata Salter Limited hija responsabbli sabiex tħallas €10,700 bħala arretrati ta' kera minn Mejju 2024 sa Jannar 2025;

4. Konsegwentement jordna l-iżgumbrament fi żmien qasir u perentorju tal-intimata mill-fond Ta' Bonavia, fi Triq Durmblat, Il-Mosta.

Bl-ispejjeż kompriżi tal-ittra uffiċjali numru 4259/2024 u bl-inġunzjoni tas-soċjetà intimata minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Rikorrenti: 75, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Mellieħa

Intimata: Sqaq l-Għaragħar, Birkirkara u/jew

Bjorn Borg u Silvan Borg bħala diretturi ta' Salter Limited ta' 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

Ir-rikors fl-ismijiet Christine Mifsud et vs Salter Ltd, Rikors numru 12/2025JG, jinsab differit għall-14 ta' April, 2025, fl-12.15 p.m.

By means of a decree of the 3rd March 2025 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Christine Mifsud et vs Salter Limited, Application number 12/2025JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Salter Limited in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Christine Mifsujd (ID 261184M0 and Joseph Tanti (ID 491982M0 vs Salter Limited (C93910) filed in the Rent Regulation Board, on the 17th January, 2025, the applicants Christine Mifsud (ID 261184M) et requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that this cause be heard by means of summary proceedings and this because there exist the necessary elements in terms of Article 165A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Declare and decide that the respondent company Salter Limited is to be vacated from the premises in question and the applicants take back possession of the premises Bonavia, in Triq Durmblat, Mosta, since the same respondent company did not pay the rent as due according to the same lease agreement;

3. Declare and decide that the respondent company Salter Limited is responsible to pay €10,700 as arrears of rent from May 2024 till January 2025;

4. Consequently order the eviction within a short and peremptory period of the respondent from the premises Bonavia, in Triq Durmblat, Mosta.

With costs including the judicial letter number 4259/2024 and with the injunction of the respondent company from now summoned so that a reference to its evidence be made.

Applicants: 75, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa.

Respondent: Sqaq l-Għaragħar, Birkirkara and/or

Bjorn Borg and Silvan Borg as directors of Salter Limited of 89, Dar ir-Redentur, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

The application in the names Christine Mifsud et vs Salter Limited, Application number 12/2025JG, has been postponed for hearing to the 14th April, 2025, at 12.15 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 2nd April, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

862

Avviż mir-Reġistru Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Stefania Zammit (KI 370484M) ippreżentat rikors ġuramentat (numru 165/2024 AL) fejn talbet il-korrezzjoni taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ bin-numru 656/2010 u ċ-Ċertifikat tal-Att tat-Twelid ta' bintha Rosheen Jo Zammit bin-numru 3854/2006 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 2 ta'April, 2025

MARAYA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Stefania Zammit (KI 370484M) filed an application under oath (number 165/2024AL) demanding corrections of the Act of Marriage Registration number 656/2010 and the Act of Birth of her daughter Rosheen Jo Zammit Registration number 3854/2007 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 2nd April, 2025

MARAYA AQUILINA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

863

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri, fit-28 ta' Marzu, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-artiklu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Bandu għall-kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

By virtue of a decree issued by the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction, on the 28th March, 2025, the publication of the extract that appears hereunder was ordered for the purposes of notification according to the article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure, Cap. 12 of the laws of Malta.

Banns for curators

Republic of Malta

To the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo)

B'digriet mogħti fit-28 ta' Marzu, 2025, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Trotman Barbara Alison Christina fl-atti tal-ittra uffiċjali li sunt tagħha qed jiġi prodott hawn taħt, liema ittra ġġib in-numru 118/2025 fl-ismijiet 'Mark Camilleri nomine versus kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-imsiefra Trotman Barbara Alison Christina', ippreżentata fil-11 ta' Marzu, 2025, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Inferjuri, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' din l-ittra uffiċjali l-mittenti Mark Camilleri għan-nom u inrappreżentanza ta' Complete Motors Limited (C61625) ta' Sika House, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, qed jinterpella lill-imsemmija intimata Trotman Barbara Alison Christina sabiex fi żmien erbat ijiem mid-data tal-ittra, hija tħallas l-ammont ta' sitt elef, disa' mija u erba' ewro u tnax-il ċenteżmu (€6,904.12c) rappreżentanti xogħlijiet u servizzi kif spjegati fl-istess ittra uffiċjali u ċoè eċċess tal-assikurazzjoni, servizzi ta' towing, servizzi ta' tiswija tal-vettura Daihatsu Terios, taxxa tal-assikurazzjoni tat-triq kif ukoll VRT, flus mislufa lilha, spejjeż relatati mas-servizz li ġie mogħti sabiex il-vettura tinġabar minn Sqallija, danni sostnuti fil-vettura Toyota Belta kif ukoll storage fee liema ammont huwa dovut.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana, LLD, LLM. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 28 ta' Marzu, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Inferjuri

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

By virtue of a decree issued on the 28th March, 2025, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the expatriate Trotman Barbara Alison Christina in the acts of the judicial letter of which a summary is being produced below, which letter bears serial number 118/2025 in the names 'Mark Camilleri nomine versus deputy curator to represent the expatriate Trotman Barbara Alison Christina', filed on the 11th March, 2025, in the Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction, and in all other relative and subsequent acts.

By means of this judicial letter, the sender Mark Camilleri on behalf and in representation of Complete Motors Limited (C61625) of Sika House, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, is calling upon the aforementioned respondent, Trotman Barbara Alison Christina, to pay, within four days from the date of this letter, the amount of six thousand, nine hundred and four euro and twelve cents (€6,904.12c) representing works and services as explained in the same judicial letter, namely: insurance excess, towing services, repair services on the Daihatsu Terios vehicle, road insurance tax as well as VRT, money lent to her, expenses related to the service provided to retrieve the vehicle from Sicily, damages sustained by the Toyota Belta vehicle, as well as a storage fee, which amount is due.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to be appointed as curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring so.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 28th March, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Inferior Jurisdiction

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603